KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 10

Is-sitt seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Viċi Sindku |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | n/a | |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*10.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*10.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*10.5 Rapporti ;*
*10.6 Baġit 2020*
*10.7 Traffic changes : Sir Luigi Camilleri/Sir Arturo Mercieca*
*10.8 Performance Appraisals*
*10.9 Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill;*
*10.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*10.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*10.12 Mozzjonijiet ; Jum Tas-Sliema 17 ta' Mejju 2020*
*10.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 10.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

10.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-ebda membru ma talab illi jkun skuzat għal-laqgħa.

## 10.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

*Approvazzjoni ta' Minuti*

10.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali.

10.2.2 Rigward punt 9.3.4, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit ikkonferma li ma saret l-ebda survey tal-area ta' Dingli str. k/m Sir Ġorġ Borġ peress illi ma kinitx parti mill-proġett. Żied illi talab tlett stimi biex isir is-survey fejn l-ammonti kienu minn €400 mingħajr VAT, sa €1,400. Il-kunsill se jmexxi bl-irħas stima.

**Il-kunsillier P.Portelli wasal fis-18:20**

10.2.3 Rigward punt 9.3.5 il-kunsillier J.Pillow qal illi ~~ma din il-persuna l-Kunsill mhux se jasal~~ il-kuntrattur ma onorax il-ftehim illi kien hemm fuq id-disin tal-istands. Ġie deċiż illi tintbagħat ittra mill-avukat biex dan ineħħi l-istands illi saru mingħajr permess.

10.2.4 B'referenza għal punt 9.5.1 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur ma ġiex għal-laqgħa u minflok ġiet il-persuna li tkun qed idur mall-ħaddiema madwar il-lokalita. Is-Sindku qal illi kien iddispjaċut illi l-kuntrattur ma ġiex meta nuzaw is-servizz tiegħu

għal ħafna xogħolijiet u meta kien jaf il-problemi li qegħdin niffaċjaw. Żied illi x'kienu l-problemi li kellom dakinhar biex jiġu, ħass illi xorta kellom jaraw illi kienu preżenti. Għal din il-laqgħa kien hemm prezenti l-Contracts Manager, u l-kunsilliera A.Debono u D.Soler, barra s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku u anka fin-nuqqas tal-kuntrattur ġew diskussi l-problemi kolla li kien hemm.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi qegħdin jiżdiedu l-problemi, speċjalment rigward it-taħlit tal-iskart u minħabba l-ħinijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huma l-GreenPak u l-WasteServ illi għandom izommu kontroll fuq il-kuntrattur għal ġbir tal-boroż il-ħodor/bojod u ħġieġ. Żied illi sfortunatament it-talbiet kontinwi tal-Kunsill biex isir laqgħa mall-WasteServ, minħabba l-insistenza tal-kuntrattur illi mhux qed ilaħħaq bix-xogħol minħabba l-ħin limitat illi għandu biex jaħdem, qed taqa fuq widen torox. Żied illi l-WasteServ u l-GreenPak irċevew l-ilmenti tal-Kunsill izda ma rċieva l-ebda emajl lura.

Il-kunsillier J.Pillow ~~qal illi għandna nitolbu rekordings tad-dashcam, kif ukoll tal-kamera ta' wara biex naraw li qed iħallat u biex naraw il-ħinijiet illi dan qed jaħdem.~~issuġerixxa li jiġu installati dashcams u kameras anka jekk dawn isiru minn naħa tal-Kunsill.

10.2.5 B'referenza għal punt 9.6.3, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saru diversi laqgħat mall-V.O Atturi Żgħażagħ Slimizi, kif ukoll mall-iskola, izda dawn għandom jikkonfermaw ċerti affarijiet qabel ma timtela l-applikazzjoni. Qal illi għandom idea sabiħa ħafna biex jagħmlu pagaent fl-4 ta' April, taħt l-arkati tal-iskola.

10.2.6 B'referenza għal punt 9.3.1 il-kunsillier D.Muscat qal illi hemm 5 postijiet ta' parkeġġ li se jintilfu. Is-Sindku qal illi għandu laqgħa ma' rapprezentant ta' TM fil-ġranet illi ġejjin u jippjana biex jiddiskuti l-idea mingħajr ma jkun hemm għalfejn nitilfu parking.

10.2.7 Il-kunsillier J.Pillow staqsa jekk ġara xi ħaġa rigward ic-chairlifts [ref punt 9.3.2]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'għandu l-ebda update fuq ic-chairlift ta' Isouard per se, izda bagħat korrespondenza lil KNPD, kif ukoll lil AKL biex tittieħed azzjoni fuq din il-policy.

10.2.8 Il-kunsillier E.Borg ippropona li Minuti nru 9 jiġu aċċettati. Il-kunsillier K.Wain issekondaħ. Il-Kunsill qabel

## 10.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

10.3.1 Beading: Saret talba biex ikomplu jsiru lezzjonijiet ta' beading fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm domanda kbira għaliha din id-darba peress illi kien hemm ħlas ta' €10 fejn positjiet oħra kienu b'xejn. Il-Kunsill qabel illi tibqa tintuza s-sala u li ma jkun hemm l-ebda ħlas.

10.3.2 Insurance: Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal laqgħa li saret fil-bidu ta' Diċembru fejn il-Kunsill kien qabel fuq l-Insurance Policy izda kellu jagħti update dwar l-infieq biex intejbu l-Public Liability. Qal illi biex inkunu koperti għall-ammont ta' €2,000,000 hemm spiza ta' €700 + 11% li taqa taħt l-ammont li kienu aċċettaw il-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi l-assikurazzjoni tkun ta' €2,000,000 u m hux inqas.

10.3.3 Soċjeta San Girgor: Saret talba biex il-Kunsill tgħin fil-produzzjoni ta' ktieb li tinkludi l-istorja tal-lokalita, kif ukoll tal-Parroċċa ta' San Girgor biex isir għall-35 sena anniversarju ta' din is-Soċjeta. Is-Sindku qal illi għandna niġbru stima u naraw kif ngħinu bħala printing izda mhux għar-riċerka. Il-kunsillier J.Pillow qal illi għandna niddefinixxu ammont.
Ġie deċiż li l-ewwel u qabel kollox tiġi ċċarata x'tip ta' assistenza hemm bzonn mill-Kunsill u x'informazzjoni se tkun fiha din il-ktieb.

10.3.4 Representation- Manoel Dimech str/Parisio: Is-Sindku qal illi bħala Kunsill bagħtna oġġezzjoni għall-iżvillup ta' post storiku, u green lung, wara li rċevejna diversi mistoqsijiet fuq din il-P/A [PA 9273/19] partikolari.

10.3.5 Is-Sindku għamel referenza għall-permess ta' Hotel illi hemm ġewwa triq Howard li se toħloq inkonvenjenza kbira lir-residenti tal-inħawi. Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jappella u kien anka tkellem ma perit partikolari li hu lest jgħin fl-appell. Xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jaqbel. Il-kunsill qabel unaniment.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi meta kien jattendi l-hearings tal-applikazzjoni, diversi residenti li joqogħdu fl-inħawi kienu wkoll esprimew l-interess tagħhom illi jagħmlu tajjeb għal parti tal-ispejjez ta' appell.

10.3.6 Is-Sindku qal illi konna wasalna biex nagħmlu l-linji tat-toroq ta' triq Għar il-Lembi u se jkun qed jiddiskuti kif għandna nimxu mat-TM izjed tard dil-ġimgħa . Dan għalhiex, kif ikkonfermat il-Viċi Sindku, estendew il-bankina u bil-parking it-triq se tiġi effettivament magħluqa.

10.3.7 Is-Sindku qal illi rċevejna talba biex triq Don Rua ssir one-way. Spjega illi fil-passat il-Kunsill kien irċieva talba biex din isir 2-way izda hemm il-ħsieb illi kien hemm min iffirma f'isem ħaddieħor u hemm resistenza li tkompli tkun 2-way. Wara diskussjoni ġie deċiż illi tintbagħat questionnaire bl-ingliz u bil-malti biex nieħdu idea x'jixitequ n-nies. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi m'għandniex nibagħtu biss lil dawk in-nies illi jgħixu fit-triq. Il-questionnaire se ssir għal dawk illi joqogħdu f'dawn it-toroq:
Triq Don Rua, triq Natalie Poutiatin Tabone, parti minn Howard str. parti minn Windsor str., parti minn triq Arturo Mercieca.

## 10.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

10.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 10.5 RAPPORTI

10.5.1 Ma kien hemm l-ebda kummenti fuq ir-rapporti li intbagħtu

**Għal ħabta ta' 7.25 l-accountants daħlu biex jagħtu informazzjoni dwar il-baġit 2020**

## 10.6 BAĠIT 2020

10.6.1 Il-kunsilliera irċevew informazzjoni dwar il-baġit 2020 fil-ġranet qabel il-laqgħa fejn kien hemm rendikont tal-infieq/dħul li nistennew għas-sena 2020. L-accountants taw dettalji tal-workings tagħhom, filwaqt illi uzaw l-informazzjoni li ġie provdut lilhom mill-kumitat tal-finanzji biex jaraw illi l-Kunsill ikun jista jagħmel ix-xogħolijiet waqt illi tkompli taħdem bil-galbu u skont il-liġi.

10.6.2 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi hemm €30,000 fondi għall-Urban Greening illi ġew approvati izda li ma jidhrux. Dawn għandom jiġu inkludi fid-dokument illi l-Kunsill għandu jipprovdi lill-awdituri.

10.6.3 Wara diskussjoni fit-tul il-kunsilliera irringrazzjaw l-accountants għax-xogħol tagħhom. L-accountants telqu għall-ħabta ta' 20:45.

10.6.4 Il-kunsillier J.Pillow ippropona li l-baġit tiġi approvata. Il-kunsillier E.Borg issekondaħ.

**10.7 TRAFFIC CHANGES [SIR LUIGI CAMILLERI/SIR ARTURO MERCIECA]**

10.7.1 Is-Sindku qal illi l-arranġamenti għandom isiru fit-toroq Sir Arturo Mercieca u Don Bosco [mhux Sir Luigi Camilleri]. Spjega l-ħsieb illi l-one way ta' dawn it-toroq jeqilbu minn naħa tax-Xatt sal-k/m Windsor. Qal illi minħabba li s ejkun hemm diffikulta biex tiċċaqlaq iz-zebra crossing li hemm triq ix-Xatt ma Sir Arturo Mercieca, jekk dawn it-toroq jinbidlu nkunu qegħdin naqtaw parti mill-periklu li hemm.

10.7.2 Il-Viċi Sindku qalet illi din se toħloq problema kbira għal dawk illi jipparkjaw ġewwa St. Patrick's.

**Il-kunsilliera P.Radmilli u D.Muscat talbu li jkunu skużati għall-ħabta ta' 21:15. Kienu skuzati.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Il-Kunsill qabel unaniment illi nkomplu bl-Aġenda.

## 10.8 PERFORMANCE APPRAISALS

10.8.1 Staff tal-Kunsill: Is-Sindku faħħar ħafna lill-istaff tal-Kunsill għax-xogħol illi jagħmlu u qal illi bħala Kunsill għandna vera nkunu kuntenti bihom u bix-xogħol illi jagħmlu, irrispettivament tal-isfidi. Qal illi minn dawk illi għandom ħafna esperjenza, sall-impjegata li daħlet ftit ta' xhur ilu, kollha jagħtu sehemhom u jistqilhom l-aqwa Appraisal Form. Żied il-persentaġġ illi kull impjegat għandu jieħu, fejn dawk illi jaħdmu ġewwa kollha iħoss illi għandom jieħdu l-massimu. Il-kunsilliera approvaw unaniment.

10.8.2 Segretarju Eżekuttiv: Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata l-full performance bonus. Il-Kunsill qabel unaniment.

## 10.9 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

10.9.1 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv mar jiltaqa mas-CEO ta' Infrastructure Malta biex niddiskutu proġetti li qegħdin/għandom isiru fil-lokalita. Fost id-diskussjonijiet, semmiet proġett li għanda ssir fl-area ta' Taormina biex ikun hemm aċċess aħjar għal min irid jitla t-tela ta' Old College mingħajr ma jzomm it-traffiku f'triq it-Torri. Qal illi I.M ma jixtiequx jieħdu ħsieb dan il-proġett peress illi fil-fehma tagħhom se jkun hemm oġġezzjoni kbir la hemm bzonn jitneħħew tlett siġriet żgħar u ma jixtiequx jikkomettu ruħhom minħabba din il-kwistjoni.. Ma dan il-punt qal illi waqt illi kien hemm il-ħsieb illi triq it-Torri ssir mill-ġdid, fil-fatt se jieħdu ħsieb xogħolijiet rimedjali biss f'ċerti żoni u mhix proġettata li ssir it-triq kif kien ippjanat.

10.9.2 Il-Viċi Sindku u l-kunsillier K.Wain ilmentaw fuq l-istat tal-bankina ta' High str., speċjalment l-area li hemm barra l-hotel The Palace. Is-Sindku kkumenta li waqt illi għandna nieħdu ħsieb manutenzjoni ta' kull periklu li hemm, ma tagħmel l-ebda sens illi ssir il-bankina issa meta t-triq se tinqala dalwaqt. Waqt illi jifhem illi fis-sitwazzjoni preżenti se jkun hemm id-dewmien, għax it-triq ma tistax isir qabel ma tispiċċa l-proġett ta' Manoel Dimech, qal illi għandna naraw kif se nirranġaw il-problema, izda qal illi nibqaw responsabbli għall-fondi tal-Kunsill u ma tagħmel l-ebda sens illi ssiru xogħolijiet issa la se ssir it-triq.

10.9.3 Is-Sindku qal illi EneMalta se ~~jieħdu ħsieb xogħolijiet~~jagħmlu

trinka ġewwa triq il-Madonna ta' Sacro Cuore, u triq Sant Agatha [kif ukoll parti minn triq it-TorriThe Strand u Parisio] fejn dawn it-toroq saru ftit ilu mill-Kunsill Lokali. Qal illi se jkun hemm bzonn supervizzjoni tax-xogħol ħalli nevitaw ħsarat għax-xogħol tajjeb li sar minn naħa tal-Kunsill.

10.9.4 Il-kunsillier V.Galea Pace qalet illi fis-17 ta' Frar se jkun hemm kor mill-Ingilterra li se jagħmlu attivita u jixtiequ jikkollaboraw mall-Kunsill Lokali. Talbu li l-Kunsill jagħti sehemu għall-banners u b'hekk l-logo tal-Kunsill tkun qed tidher fil-marketing tal-attivita. Il-Kunsill qabel.

10.9.5 Il-kunsillier A.Debono ta informazzjoni minn Sliema Nursery fejn hemm fondi allokati taħt l-iSkema ta' Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet li taqa taħt ir-Reġjun Ċentru.

10.9.6 Is-Sindku qal illi r-Reġjun Ċentru talbu li jkun hemm persuna biex tkun parti minn Kumitat li jieħdu ħsieb kwistjonijiet soċjali, fejn hu talab lil Viċi Sindku biex tkun parti mill-kumitat. Il-Viċi Sindku aċċettat.

10.9.7 Il-kunsillier E.Borg qal illi hemm nies illi jixtiequ jieħdu azzjoni u jiġbru l-ħmieġ tal-klieb li jitħalla minħabba sidien irresponsabbli. Is-Sindku qal illi iridu naħsbu fuq pjanijiet 'long-term' biex nedukaw in-nies biex jiġbru l-ħmieġ warajhom u anka jnaddfu l-area. Fuq dan il-punt il-kunsillier J.Pillow qal illi anka mall-Promenda għandna nagħmlu tabella biex in-nies iħallu l klieb jagħmlu fil-ħamrija li hemm u mhux fuq il-Promenade stess.
Il-kunsillier P.Portelli qal illi se jara x'hemm fis-suq biex naħdmu fuq l-idea tas-Sindku għax kellu idea għaliha. Illi għandom isiru pits fuq il-Promenade, li jkunu ssorveljati bil-kameras, fejn sidien għandom jidderieġu l-klieb tagħhom u jiġbu warajhom ukoll.

10.9.8 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi hemm ħsarat fil-Playing Fields ta' Quis Si Sana.
Il-kunsillier J.Pillow fakkar illi hemm kommunikazzjoni ma kumpanija li bħala parti mill-CSR tagħhom jixtiequ jixtru affarijiet għall-Playing Fields ta' Qui Si Sana. Qal illi hemm bzonn isir laqgħa fil-preżenza tas-Sindku wkoll.

10.9.9 Il-kunsillier P.Portelli qal illi huwa importanti li jkun hemm impjegat tal-Kunsill illi jkollu aċċess ta' FB u jibda jirrispondi l-messaġġi tan-

nies. Qal illi dawn il-messaġġi, meta jiġu rrisponduti, qegħdin isiru wara l-ħin tax-xogħol u avolja se jkun hemm iktar piż fuq il-Kunsill hemm bzonn illi n-nies jirrispettaw li għandom jirċievu risposta waqt il-ħin tax-xogħol.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm problema minħabba aċċess għal ċerti siti minħabba r-restrizzjonijiet tal-MITA, waqt illi ma jippretendix illi l-impjegati joqogħu jirrispondu fuq il-WIFI, speċjalment la min jarahom jibda jirrimarka li qegħdin jaħlu l-ħin tax-xogħol fuq il-mezzi soċjali li mhux il-każ. Qal illi hemm bzonn laptops ġodda għall-użu tal-Kunsill, għall-meta jsiru laqgħat u għall-projector ukoll u din tista wkoll tintuza billi jkun hemm użu mill-WIFI biex nirrispondu dawn il-messaġġi.

10.9.10 Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm problema tat-traffiku/speeding li għanda tiġi risolvuta. Is-Sindku qal illi fil-passat kien hemm kumpanija li kienet lesta tagħmel studju biex naraw fejn hemm bzonn isiru lights/crossings izda sabu l-problemi mill-Mother Company tagħhom. Qal ukoll illi TM kellom jagħmlu kameras bħala parti minn proġett tagħhom biex isiru bicycle lanes.
Il-kunsillier L.Wain qal illi għandna nagħmlu speed kameras. Fuq dan il-punt is-Sindku, kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv spjegaw li dik hija remit tal-LESA u sfortunatament hemm ħafna burokrazija biex isiru.

10.9.11 Il-kunsillier J.Pillow qal illi għad hemm il-perikli ~~max-Xatt~~mall-Promenade fejn hemm il-culverts miftuħin. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawk huma tal-Go/Melita u konna bagħtna biex jirranġawhom. Se tintbagħat reminder.

**Il-kunsillier I.Fenech talbet biex tkun skużata fl- 22:05**

10.9.12 Il-kunsillier J.Pillow qal illi għandna nitolbu lil TM biex jerġgħu isiru flaps li kienu jeżistu biex l-ilma ma tkomplix tidħol meta jkun hemm baħar qawwi n-naħa tal-iStrand [taħt il-moll]. Żied ukoll illi għandom ~~isiru~~ jissewwew l-culverts li hemm taħt il-bankina fl-istess area.

10.9.13 Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm dlam ċappa f'triq Pace kif ukoll fil-kantuniera ma triq Sant Antnin. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward fejn hemm is-sit ta' kostruzzjoni fil-kantuniera tat-triq, il-bozza tneħħiet min dak illi qed jaħdem faċċata, izda dak illi qed jaħdem fil-kantuniera kien qal illi se jirranġa biex jagħti d-dawl hu

stess. Qal illi l-bozza saret izda mhix tixgħel. Żied ukoll illi ta' faċċatta tiegħu qed jistenna lil TM japprovaw Un/Loading bay biex ikun jista jaħdem izda talli permess se tibqa 'on-hold' mill-Kunsill sakemm tixgħel il-bozza la kien hu li neħħa l-bozza. Rigward Pace str. dik hija xi ħaġa li għandna naraw flimkien mall-kuntrattur..

10.9.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi izjed kmieni filgħodu l-kunsilliera kienu rċevew emajl rigward il-polza t'assikurazzjoni. Il-Kunsill qabel illi din titħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min irid jista jħallas id-differenza għal hospital scheme wkoll, waqt illi dawk illi diġa għandom full heath insurance u ma jħossux illi għandom bzonn waħda extra, javza biex din ma titħallasx.

10.9.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġab il-linja tal-mobajl u saret kuntratt mall-kumpanija Go. Qal illi limitless calls u internet data se tiswa €35 fix-xahar illi kienet l-irħas li offrew u ma ħasx illi hemm bzonn izjed minn hekk. Żied illi d-differenza bejn Residential [isir f'ismu] u Business [f'isem il-Kunsill] kienet ta' madwar €155 f'sentejn u b'hekk qal illi għanda ssir Residential. Peress illi l-Kunsill kien iddeċieda fil-passat illi ssir kuntratt, in-numru se tkun tal-Kunsill stess u l-kontijiet avolja se jkunu f'isem l-individwu jitħallsu mill-Kunsill. Qal illi xtaqt jgħid dal-punt biex jevita problemi mall-awdituri izda biex jispjega r-raġuni għalfejn mar għar-residential. Ġie deċiż ukoll illi se jkellem lill-accountant li jaġġixi wkoll bħala awditur biex jekk jara xi problemi l-problema tirranġa mill-aktar fis possibli.

## 10.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

10.10.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

## 10.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

10.11.1 Il-kunsillier J.Pillow għamel talba għal informazzjoni għal kont dovut lil Alberta għax-xogħolijiet illi għamlu fuq il-barrier ta' Bisazza meta din kienet għada suppost taħt garanzija. Is-

Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li xogħolijiet saru ftit ilu izda rrid jara l-perjodu tal-garanzija. Il-~~ġagament~~ pagament mhix se ssir sakemm din tiġi stabilita.

10.11.2 Il-kunsillier J.Pillow għamel referenza għall-ispejjez illi għandom isiru għaż-żebgħa fejn qal illi għandna nibdew nixtru mill-aġenti biex l-ispejjez ikunu irħas.

10.11.3 Il-kunsillier J.Pillow għamel referenza għall-ispejjez ta' Mquip fejn hemm spiza għal bar izda ma ħasx illi kien hemm problema biha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta saret on-site inspection f'Novembru ma kien hemm l-ebda ħsara izda sabu li qed tinqala u kienu bagħtu biex jaraw jekk għanda ssir. Kienet mall-art meta raha u xogħolijiet ġħew ordnati.

10.11.4 Fuq il-punt 10.11.3, il-kunsillier J.Pillow kien qal illi meta saru fil-passat kien qal illi x-xogħolijiet ma sarux kif suppost u ma jarax għalfejn għandna nħallsu. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk kienu intbagħtu ittri u emajls. Is-Sindku qal ma kienx il-każ u m'hemm l-ebda raġuni biex inzommu pagamenti għal dik ir-raġuni.

10.11.5 Il-kunsillier J.Pillow għamel referenza għal kont tal-lease tal-karozza fejn ma sab l-ebda oġġezzjoni tagħha izda staqsa dwar il-possiblita li nixtru karozza electic. Is-Sindku qal illi dik kienet il-ħsieb tiegħu wkoll.

**Il-kunsillier P.Portelli telaq fl-10:30**

10.11.6 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino ippropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier J.Pillow issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

**10.12 MOZZJONIJIET**

10.12.1 Il-kunsillier A.Debono ressaq mozzjoni li intbagħtet lill-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Din ġiet meħuda bħala moqrija u ġiet issekondata mill-kunsillier J.Pillow. Il-mozzjoni tinvolvi attivita bl-

isem Jum Tas-Sliema fejn hemm il-ħsieb illi jkun hemm l-involviment ta' kull Parroċċa fil-lokalita. Qal illi l-okkazzjoni għanda tinvolvi quddiesa f'post pubbliku, fejn għamel suġġeriment biex din tkun f'triq Sir Adrian Dingli u jkun hemm l-istatwi tal-ħames Parroċċi. Qal illi hu diġa għamel kuntatt mall-Parroċċi biex jara jekk jaqblu u s'issa hemm xewqa li din issir. Qal illi l-attivita għanda tinvolvi l-għaqdiet, każini, V/O's, skejjel, eċċ. Fost l-ideat tiegħu hemm il-ħsieb illi jsiru:

- Booklet
- Munita tal-okazzjoni
- Badge għall-blejzers
- Monument
- Isem ta' triq
- Naraw jekk din se tkun rekord nazzjonali tal-ammont ta' statwi ta' Parroċċi li jkun fl-istess post u fl-istess ħin

Issuġerixxa wkoll illi nestendu invit għal:

- L-isqof
- Il-President
- Prim Ministru u kap tal-Oppozizzjoni
- MEP's u MP's

L-ispejjez se jkunu għall-palk, dawl, sound, siġġijiet u dawk għall-baned u dekorazzjonijiet. Qal illi jemmen illi se jkun hemm spejjez ta' madwar €15,000

10.12.2 Il-kunsilliera faħru l-idea u qalu se jkun hemm bzonn izjed ħin biex jitkellmu u jippjanaw. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-aħjar ħaġa hija li ssir laqgħa biex bħala amministrazzjoni jibdew preparament loġistiki biex wara nkunu preparati u ma nibdewx mill-bidu lejn l-aħħar.

10.12.3 Il-kunsilliera qablu li din l-attivita għanda ssir u li jagħtu l-kontribut tagħhom biex isir.

**10.13**

**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

10.13.1 Is-seduta ntemmet fil-23.15. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar

it-Tlieta 4 ta' Frar 2020.

Minuti approvati llum nhar

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**

**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**

**Segretarju Eżekuttiv**